



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5510/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0017(NLE)

PECHE 28

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 31 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/XXX fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd proviżorji għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet mhux tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 31 final.

Mehmuż: COM(2021) 31 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2021
COM(2021) 31 final

2021/0017 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/XXX fir-rigward ta' ċerti
opportunitajiet tas-sajd proviżorji għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet mhux tal-
Unjoni**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu stabbiliti TACs proviżorji għall-istokkijiet li jinqas ma' pajjiżi terzi sakemm daww il-konsultazzjonijiet jiġu konklużi f'konformità mal-qafas legali tal-UE u l-obbligi internazzjonali jew, jekk dawn ma jkunux jistgħu jiġu konklużi b'suċċess, sakemm il-Kunsill jistabbilixxi TACs unilaterali fl-2021.

It-TACs proviżorji għandhom l-għan li jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-attivitàjiet tas-sajd sostenibbli tal-UE. Dawn l-opportunitajiet tas-sajd proviżorji ma għandhom fl-ebda ċirkostanza jostakolaw l-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd definittivi f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali u l-eżitu tal-konsultazzjonijiet, il-qafas legali tal-UE u l-parir xjentifiku. Bħala approċċ ġenerali, dawn jenħtieġ li jikkorrispondu għal 25 % tas-sehem tal-Unjoni tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2020. Is-sehem tal-Unjoni ta' daww l-opportunitajiet tas-sajd ġie kkalkulat skont il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva u l-Preferenzi tal-Aja. Dan l-approċċ huwa mingħajr preġudizzju għal xi approċċ ieħor li jista' jittieħed fil-ftehimiet internazzjonali futuri. Ġie deċiż li f'għadd limitat ħafna ta' każijiet (jiġifieri għal xi TACs għall-kavall, għall-istokkafixx u għas-sawrell) jenħtieġ li jintuża perċentwal differenti fejn l-istokkijiet jiġu mistada fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-bidu tas-sena.

Id-*data* ta' kull xahar dwar il-qbid għal dawn l-aħħar snin, kif irrappurtata lill-Kummissjoni, tindika li xi stokkijiet pelaġiċi u demersali jiġu mistada fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-bidu tas-sena. Għaldaqstant, abbażi ta' dik id-*data* dwar il-qbid u f'konformità mal-parir xjentifiku, jenħtieġ li jiġi stabbilit perċentwal oġġla li jikkorrispondi għas-sehem tal-Unjoni tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2020 għat-TACs korrispondenti, sakemm dan ikun mingħajr preġudizzju għal xi approċċ ieħor li jista' jittieħed fil-ftehimiet u/jew konsultazzjonijiet futuri.

Fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021. Ir-Regolament tal-Kunsill korrispondenti huwa mistenni li jiġi adottat f'nofs Jannar 2021 permezz ta' proċedura bil-miktub. Dan ir-Regolament normalment jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali qabel l-aħħar ta' Jannar. Għalhekk f'dan l-istadju ma tistax tiġi inkluża r-referenza eżatta għal dak ir-Regolament tal-Kunsill li ser jiġi emendat.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-miżuri proposti huma mfasslin f'konformità mal-oġġettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikulari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-baży ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku dwar il-PKS u l-pjanijiet pluriennali rilevanti.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja: il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. F'konformità mal-Artikolu 43(3) tat-Trattat, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex-post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma japplikawx.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tqis il-kummenti li l-partijiet ikkonċernati, il-Kunsilli Konsultattivi, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għamlu matul is-sena, u l-kummenti tagħhom jitqiesu meta qed jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Proposta tissejjes fuq il-parir xjentifiku¹ tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikawx.

- **Drittijiet fundamentali**

Ma japplikawx.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhu se jkollhom l-ebda implikazzjoni għall-baġit.

¹ <http://www.ices.dk/community/advisory-process/Pages/Latest-advice.aspx>

5. ELEMENTI OĦRA

• Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

L-emenda proposta tfittex li timmodifika r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/XXX² kif spjegat hawn taħt. It-TACs mistada mill-flotta tas-sajd tal-Unjoni fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-bidu tas-sena u li għalihom jistgħu jiġu ffixxati TACs proviżorji b'perċentwal ogħla bl-applikazzjoni ta' eċċezzjoni minn approċċ ġenerali (25 % tat-TAC iffissat għall-2020), sakemm dan ma jippreġudikax l-eżitu tan-negozjati u/jew il-konsultazzjonijiet internazzjonali, huma elenkati fit-tabella ta' hawn taħt:

TAC	Il-perċentwal tal-kwoti tal-2020 użat bħala bażi biex tiġi stabbilita TAC proviżorja
Skampu fil-Porcupine Bank	55 %
Lingwata f'7d (Kanal tal-Lvant)	40 %
Barbun tat-tbajja' f'7d u 7e (Kanal)	45 %
Raja ondjata f'7d u 7e (Kanal)	60 %
Merlangu f'7b-k	40 %
Bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	50 %
TACs għall-istokkafixx	70 %
Aringa Atlantiku-Skandjana (subżoni 1 u 2)	85 %

Sabiex tistabbilixxi l-lista ta' stokkijiet li għalihom jenħtieġ li japplika perċentwal ogħla minflok 25 %, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq it-talbiet espressi mill-Istati Membri u analizzat l-użu tal-kwota tal-Istat Membru kkonċernat fl-ewwel tliet xhur tal-aħħar tliet snin (2018–2020). Il-Kummissjoni mbagħad qabblet ukoll it-TACs miżjuda mat-TACs definittivi potenzjali. Mingħajr preġudizzju għall-konsultazzjonijiet li se jsiru mal-pajjiżi terzi, dawn it-TACs definittivi potenzjali ġew ikkalkulati abbażi tal-parir xjentifiku (fil-każijiet indikati fir-Regolament Bażiku jew il-pjan pluriennali rilevanti, għar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u f'każijiet oħra, abbażi tal-approċċ prekawżjonarju) u filwaqt li tqiesu l-ishma tal-Unjoni stabbiliti fil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit (TCA).

Abbażi tal-analiżi ta' dawn l-elementi kollha, ġie konkluż li t-talbiet tal-Istati Membri biex jiżdiedu t-TACs proviżorji huma ġġustifikati, peress li huma konformi mal-parir tal-ICES, mal-qafas legali applikabbli tal-UE, kif ukoll mat-TCA. Dawn iż-żidiet se jippermettu lill-

² Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmi jiet mhux tal-Unjoni

bastimenti tas-sajd tal-UE jużaw l-opportunitajiet tas-sajd li huma intitolati għalihom u li altrimenti kienu jkunu mċaħħda minnhom minħabba l-istaġjonalità tas-sajd tal-istokkijiet ikkonċernati.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/XXX fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd proviżorji għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jitlob li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, fejn ikunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u minn korpi konsultattivi oħra, kif ukoll kwalunkwe parir li jasal mingħand il-kunsilli konsultattivi.
- (2) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kondizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif ikun xieraq. F'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li jiġu ffixxati opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament u għall-istokkijiet li huma soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, it-TACs jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mar-regoli stipulati f'dawk il-pjanijiet. F'konformità mal-Artikolu 16(1) ta' dak ir-Regolament, l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu allokati lill-Istati Membri b'mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk tal-ħut jew tip ta' sajd.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li tiġi stabbilita l-qabda totali permissibbli (TAC), f'konformità mal-qafas leġislativ tal-PKS, abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjoni espressi waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, partikolarment fil-laqgħat tal-kunsilli konsultattivi.
- (4) Minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni, għadd kbir ta' stokkijiet saru stokkijiet kondiviżi. Il-Kummissjoni se twettaq konsultazzjonijiet bilaterali mar-Renju Unit, konsultazzjonijiet bilaterali man-Norveġja u konsultazzjonijiet trilaterali mar-Renju Unit u man-Norveġja abbażi tal-abbozz ta' pożizzjoni tal-Unjoni li għandu jiġi approvat mill-Kunsill. Peress li l-konsultazzjonijiet imsemmija hawn fuq għadhom ma ġewx konklużi, jenħtieġ li l-

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Kunsill, b'rispett sħiħ tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS), id-drittijiet u l-obbligi tal-istati kostali, kif ukoll is-sovranià u l-ġuriżdizzjoni tagħhom, jistabbilixxi TACs proviżorji li jistgħu jiġu mistada fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali u fl-ilmijiet li għalihom il-bastimenti tal-Unjoni jingħataw aċċess minn pajjiżi terzi.

- (5) Fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu stabbiliti TACs proviżorji għall-istokkijiet li jinqas ma' pajjiżi terzi sakemm dawk il-konsultazzjonijiet jiġu konklużi f'konformità mal-qafas legali tal-UE u l-obbligi internazzjonali jew, jekk dawn ma jkunux jistgħu jiġu konklużi b'suċċess, sakemm il-Kunsill jistabbilixxi TACs unilaterali fl-2021.
- (6) It-TACs proviżorji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/XXX, li jirrifletti l-qbil politiku milħuq fil-Kunsill, għandhom l-għan li jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli tal-UE. Dawn l-opportunitajiet tas-sajd proviżorji ma għandhom fl-ebda ċirkostanza jostakolaw l-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd definittivi f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali u l-eżitu tal-konsultazzjonijiet, il-qafas legali tal-UE u l-parir xjentifiku. Bħala approċċ ġenerali, dawn jikkorrispondu għal 25 % tas-sehem tal-Unjoni tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2020. Madankollu, f'għadd limitat ħafna ta' każijiet jenħtieġ li jintuża perċentwal differenti fejn l-istokkijiet jiġu mistada fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-bidu tas-sena. Dan l-approċċ huwa mingħajr preġudizzju għall-ishma tal-Unjoni stabbiliti fil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit⁴, li se jintużaw biex jiġu stabbiliti TACs definittivi.
- (7) Il-lista tal-istokkijiet li għalihom jenħtieġ li japplika perċentwal ogħla jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-analiżi tal-użu tal-kwota fl-ewwel trimestru tal-aħħar tliet snin (2018–2020) mill-Istati Membri li talbu TAC proviżorja ogħla. It-TACs proviżorji jenħtieġ li ma jaqbżux it-TACs definittivi potenzjali li, mingħajr preġudizzju għall-konsultazzjonijiet li ġejjin mal-pajjiżi terzi, ġew ivvalutati f'konformità mal-parir xjentifiku u filwaqt li jitqiesu l-ishma tal-Unjoni stabbiliti fil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni. Dawn iż-żidiet fit-TACs proviżorji huma f'konformità mal-parir tal-ICES mal-parir tal-ICES, mal-qafas legali applikabbli tal-UE, kif ukoll mal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni. Huma se jippermettu lill-bastimenti tas-sajd tal-UE jużaw l-opportunitajiet tas-sajd li huma intitolati għalihom u li altrimenti kienu jkunu mċaħħda minnhom minħabba l-istaġjonalità tas-sajd tal-istokkijiet ikkonċernati.
- (8) Id-*data* ta' kull xahar dwar il-qbid għal dawn l-aħħar snin, kif irrappurtata lill-Kummissjoni, tindika li xi stokkijiet pelaġiċi u demersali jiġu mistada fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-bidu tas-sena. Għaldaqstant, abbażi ta' dik id-*data* dwar il-qbid u f'konformità mal-parir xjentifiku, jenħtieġ li jiġi stabbilit perċentwal ogħla mis-sehem tal-Unjoni tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2021 għat-TACs korrispondenti, mingħajr preġudizzju għal xi approċċ ieħor li jista' jittieħed fil-ftehimiet u/jew konsultazzjonijiet futuri.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/XXX jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2021/XXX japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jdaħħal dan ir-Regolament

⁴ Il-Ftehim tal-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 444, 31.12.2002, p. 14)

marbutin mal-limiti tal-qbid jiddaħħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun u japplikaw b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2021. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati żdiedu u għadhom ma ġewx eżawriti. Minħabba tali urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/XXX

Ir-Regolament (UE) 2021/XXX huwa emendat kif ġej:

- (a) L-Anness IA huwa emendat skont il-Parti A tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (b) L-Anness IB huwa emendat skont il-Parti B tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President